**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 25 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 231/02AE**

**Middle Sea Insurance plc**

**Vs**

**Diane Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u erbatax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm614.08) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Frar 2001, fi Triq il-Kbira, San Giljan fil-vettura bin-numru AAM 636 misjuqa minn Elisa Azzopardi u ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta attrici.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenuta u permezz ta' liema hija kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident.

Rat in-nota ta' ammissjoni li giet prezentata mill-konvenuta fis-seduta tal-lum.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u erbatax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm614.08) bhala rimbors tad-danni sofferti mis-socjeta attrici b'rizultat ta' l-incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Frar 2001 gewwa Triq il-Kbira, San Giljan bejn il-vettura MAX 872 u l-vettura AAM 636.

Bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**